

Brussell, 23 ta' April 2025
(OR. en)

7762/25

ENT 45
MI 194
COMPET 227
CHIMIE 21
IND 102
SAN 144
ENV 235

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... li taħtar f'dax il-Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) - Adozzjoni

1. Fis-6 ta' Mejju 2021, il-Kunsill¹ ġedded l-ewwel mandati għal erba' snin oħra u adotta ħatriet ġodda għal total ta' tnax-il Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Mejju 2025, f'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006².

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2021 li taħtar tnax-il membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ĠU C 185, 12.5.2021, p. 4–5;

² Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

2. Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, bejn il-31 ta' Jannar u l-1 ta' April 2025, il-Kunsill irċieva ħames nomini ta' erba' snin għat-tieni mandat mill-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Iżvezja u n-Netherlands. Sitt nominati mill-Awstrija, il-Finlandja, is-Slovenja, Spanja, ir-Repubblika Ċeka, u l-Estonja ġew innominati mill-pajjiżi tagħhom għall-ewwel mandat bħala Membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2029.
3. F'dan il-kuntest, huwa rakkomandat li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill:
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument ST 7210/25 (test rivedut mill-ġuristi lingwisti) bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss;
 - jaqbel li din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-